MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 344/2002/1

**Avviz numru 344/2002DM**

**Anthony sive Antoine Vassallo**
**f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**Vs**

**Josephine Axisa u John Axisa**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn, disgha u sebghin liri maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm2279.48c) rapprezentanti tmienja u ghoxrin (28) kambjalijiet ta' Lm81.41 kull wiehed mahrugin mill-konvenuti fl-1 ta' Marzu, 1999 favur l-attur proprio et

nomine u li mmaturaw f'Lulju, tal-1999 u bejn Settembru, 1999 u Novembru, 2001.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra legali, oltre ghall-imghaxijiet relattivi mid-dati tal-iskadenzi tal-kambjalijiet sa' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti dehru fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Lulju, 2002 u kkontestaw it-talba, dawn ma pprezentawx l-eccezzjonijiet formali kif intrabtu li jaghmlu fl-istess verbal ta' l-istess seduta u lanqas ma dehru biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni fis-seduta tallum.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll il-kambjalijiet originali pprezentati mill-attur issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz huma jhallsu lill-attur proprio et nomine, is-somma mitluba ta' elfejn, mitejn disgha u sebghin lira maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm2279.48c), bl-imghaxijiet legali b'effett mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju, 2002.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------